IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2026
COM(2026) 352 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”)

{SWD(2026) 179 final}

## INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 282 tar-Regolament (UE) 2016/429 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")[1], il-Kummissjoni Ewropea ("Il-Kummissjoni") trid twettaq evalwazzjoni ta' dak ir-Regolament u tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 264 ta' dak ir-Regolament u tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan id-dokument huwa maħsub biex jikkonforma ma' dan l-obbligu legali u biex iservi bħala rapport.

Għaldaqstant, dan ir-rapport jissejjes fuq il-konklużjonijiet u t-tagħlimiet meħuda u miksuba matul il-proċess ta' evalwazzjoni. Huwa jibni fuq ir-riżultati ppreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-evalwazzjoni tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-annimali (AHL) u jiddeskrivi aktar lil oqsma speċifiċi ta' attenzjoni partikolari u ċerti azzjonijiet futuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

## 2. SFOND, SORSI U KUNTEST TAL-POLITIKA

Il-mard trażmissibbli tal-annimali ma jirrispettax fruntieri, u anke jekk dan jaffettwa l-aktar lill-annimali u jikkawża telf ekonomiku, xi tipi tiegħu jistgħu jaffettwaw ukoll lill-bnedmin. Regoli armonizzati b'miżuri għall-kontroll ta' tali mard tal-annimali ilhom jiġu rregolati fl-UE għal għexieren ta' snin, eż. xi whud mill-ewwel atti dwar is-saħħa tal-annimali ġew adottati saħansitra lura fl-1964. Bl-introduzzjoni tas-Suq uniku tal-UE, dawn ir-regoli ġew estiżi u ssaħħew aktar fis-snin 90 tas-seklu li għadda.

L-AHL ġiet adottata fl-2016, daħlet fis-seħħ fil-21 ta' April 2016 u tapplika mill-21 ta' April 2021. Għandha l-għan li tipprevedi qafas regolatorju aktar sempliċi u flessibbli, li jiżgura approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali, it-tisħiħ tat-tħejjija għall-mard u tal-prevenzjoni u tal-kontroll tal-mard għall-mard trażmissibbli elenkat tal-annimali.

Flimkien ma' dan, tnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, għal operaturi oħra u għall-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma ġie kompromess l-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni. Barra minn hekk, tipprovdi għodod aktar adattati biex jiġu indirizzati kriżijiet sanitarji (eż. mard emerġenti) jew biex jiġu indirizzati ċirkostanzi speċifiċi u tikkontribwixxi għal inqas telf ekonomiku minħabba tifqigħat ta' mard.

Dan il-qafas regolatorju ġie adottat b'riżultat tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali: "Il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura"[2] li segwiet evalwazzjoni komprensiva tal-Politika tal-UE dwar is-Saħħa tal-Annimali (CAHP) 1995-2004 u alternattivi għall-futur[3].

L-AHL issostitwiet 39 att legali separat u introduċiet qafas uniku, armonizzat u bbażat fuq ir-riskju għas-saħħa tal-annimali madwar l-Unjoni Ewropea. Ir-riforma introduċiet sistema modernizzata ta' miżuri bbażati fuq ir-riskju (eż. il-kategorizzazzjoni tal-mard), allokazzjoni aktar ċara tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi, it-tisħiħ tal-

---

1 Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 084, 31.3.2016, p. 1.

2 L-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali 2007-2013 - Food Safety - Il-Kummissjoni Ewropea.

3 CAHP evaluation Final Report-Part I final.doc.

prevenzjoni, b'mod partikolari b'bijosigurtà msaħħa, it-tħejjija rinforzata, l-abilitazzjoni tat-tilqim u t-titjib tar-rekwiżiti tal-ippjanar ta' kontinġenza. Dawn huma l-għodod ewlenin għall-kontroll tal-mard u l-użu strutturat tar-reġjonalizzazzjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kummerċ.

Din l-arkitettura tippermetti lill-AHL timplimenta l-prinċipju ta' "l-prevenzjoni hija aqwa mill-kura", kif stabbilita fl-Istrateġija tal-UE tal-2007 għas-Saħħa tal-Annimali[4]. Tirrappreżenta tranżizzjoni mill-ġestjoni reattiva tal-kriżijiet għal approċċ proattiv u bbażat fuq ir-riskju li jinkorpora s-sorveljanza, it-tħejjija, il-prevenzjoni, l-iskoperta bikrija, ir-rispons rapidu, u l-miżuri ta' rkupru fi ħdan qafas leġiżlattiv unifikat.

L-AHL tikkontribwixxi wkoll għal objettivi usa' tal-politika tal-Unjoni. Tappoġġa l-approċċ "Saħħa Waħda" billi tindirizza r-rabta bejn is-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-ambjent. Tallinja mal-objettivi usa' tal-UE billi tippromwovi sistemi agroalimentari sostenibbli u reżiljenti. Barra minn hekk, tippromwovi l-kompetittività sostenibbli tas-settur agroalimentari u ssaħħaħ ir-reżiljenza għall-kriżijiet fis-suq intern billi tiżgura standards armonizzati u risponsi koordinati għal mard transkonfinali tal-annimali.

Il-Kummissjoni evalwat ir-Regolament (UE) 2016/429 f'konformità mal-Prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE u ppreżentat ir-riżultati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-evalwazzjoni tal-AHL u l-istudju ta' sostenn tiegħu[5]. L-evalwazzjoni tivvaluta sa liema punt l-AHL laħqet l-objettivi tagħha mid-dħul fis-seħħ tagħha fil-21 ta' April 2016, u b'mod aktar speċifiku wara li saret applikabbli fil-21 ta' April 2021. L-istudju kopra l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2023, filwaqt li d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jinkludi xi esperjenzi aktar reċenti inkluż sal-bidu tal-2026. Iż-żewġ dokumenti jibbażaw fuq evidenza estensiva, inkluża data ta' monitoraġġ u input tal-partijiet ikkonċernati miġbura permezz ta' diversi konsultazzjonijiet imwettqa bħala parti mill-istudju u lil hinn minnu, b'mod partikolari l-forum tal-Kapijiet Uffiċjali Veterinarji (CVO), il-Kumitati Konsultattivi dwar is-Saħħa tal-Annimali, u gruppi ta' esperti oħra. L-evalwazzjoni tiddependi wkoll fuq ir-rapporti u n-notifiki ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri, l-awditi tal-Kummissjoni, id-data mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS), l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), u s-sejbiet mit-Tim Veterinarju ta' Emerġenza tal-UE (EUVET).

B'mod ġenerali, ir-riżultati jindikaw li fil-biċċa l-kbira l-AHL laħqet l-objettivi ewlenin tagħha, għalkemm b'ċertu livell ta' varjazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha jqisu li r-Regolament joħloq pedament sod għal politika armonizzata dwar is-saħħa tal-annimali fl-UE.

## 3. SOMMARJU TAS-SEJBIET EWLENIN U TAL-LIMITAZZJONIJIET

Matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri ħabbtu wiċċhom ma' diversi sfidi fl-implimentazzjoni. Għalkemm l-AHL tistabbilixxi qafas armonizzat, l-applikazzjoni tagħha madwar l-Unjoni ma kinitx uniformi. Kif deskritt fl-SWD, il-konsultazzjoni mwettqa permezz tal-istudju ta' sostenn tindika li d-differenzi fil-kapaċità amministrattiva, fl-istrutturi ta' governanza, u fir-riżorsi affettwaw il-pass u l-firxa tal-allinjament nazzjonali, u xi Stati Membri għadhom iridu jiffinalizzaw l-aġġustamenti

[4] https://food.ec.europa.eu/document/download/7820a76d-d19d-4a35-b223-caae0f7143da_en?filename=ah_policy_strategy_2007-13_en.pdf.

[5] https://data.europa.eu/doi/10.2875/0446681

neċessarji. Il-kumplessità tal-qafas legali, inklużi l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, ġiet enfasizzata bħala eżiġenti, b'mod partikolari għal operaturi iżgħar. Id-differenzi fl-interpretazzjoni u fil-prattiki ta' infurzar jinfluwenzaw il-perċezzjoni ta' trattament ugwali fost il-partijiet ikkonċernati. Dawn is-sejbiet iridu jiġu interpretati fid-dawl ta' limitazzjonijiet importanti. L-AHL ilha applikabbli minn April 2021 biss, u tipprovdi perjodu ta' żmien relattivament qasir biex jiġu vvalutati l-impatti strutturali u fit-tul. L-allinjament nazzjonali mexa b'veloċitajiet differenti, u f'diversi każijiet ir-regoli preeżistenti komplew japplikaw flimkien mar-rekwiżiti tal-AHL, li għamlu l-attribuzzjoni tal-impatti diffiċli.

Il-perjodu ta' evalwazzjoni ħabat ukoll mal-pandemija tal-COVID-19, ma' tfixkil ġeopolitiku, ma' żieda fil-kostijiet u ma' tifqigħat sinifikanti ta' mard, inklużi l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u d-deni tal-ħnieżer Afrikan. Dawn il-fatturi jagħmluha diffiċli biex jiġu attribwiti l-impatti u jillimitaw il-ħruġ ta' konklużjonijiet definittivi. L-evalwazzjoni xorta tipprovdi għarfien bikri u indikattiv għalkemm valutazzjoni aktar robusta se teħtieġ żmien u data addizzjonali.

## 3.1 EFFETTIVITÀ

L-AHL ġiet rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala pass sinifikanti 'l quddiem fl-armonizzazzjoni tal-approċċ tal-UE għas-saħħa tal-annimali, li mxiet minn sistema reattiva għal sistema preventiva. L-effettività attwali tal-AHL trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-implimentazzjoni kontinwa tagħha. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom ma lestewx l-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mar-Regolament, u xi wħud li juru progress sostanzjali. Pereżempju, l-analiżi tal-Kummissjoni tat-traspożizzjoni tal-penali mill-Istati Membri skont l-AHL turi li sa Ġunju 2023 għaxar Stati Membri biss irrapportaw li adottaw ir-regoli li jinkludu l-penali applikabbli għall-ksur tal-AHL, jew li kienu qed jaħdmu fuqhom. Id-dewmien huwa dovut għall-kumplessità tal-ordinamenti ġuridiċi u tal-istrutturi amministrattivi nazzjonali. Barra minn hekk, l-adattament għall-approċċ il-ġdid introdott mill-AHL se jieħu ż-żmien sabiex l-atturi kollha jkollhom ħakma tajba tiegħu u, għalhekk, jaffettwa l-perċezzjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-effettività tagħha. Dan jispjega wkoll it-tranżizzjoni progressiva.

L-AHL introduċiet sistema strutturata u bbażata fuq ix-xjenza għall-kategorizzazzjoni tal-mard. Il-mard trażmissibbli tal-annimali huwa elenkat taħt ħames kategoriji (A sa E) abbażi tal-profil epidemjoloġiku tagħhom, tal-impatt u tat-tip ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati biex jindirizzawhom. Din il-kategorizzazzjoni tippermetti risponsi proporzjonali u l-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi, u tippermetti lill-Istati Membri jfasslu l-istrateġiji tagħhom ta' sorveljanza u ta' kontroll għall-kuntesti nazzjonali. Dan l-approċċ huwa appoġġat b'mod wiesa' iżda għad hemm tħassib dwar ir-rispons tas-sistema għal theddid emerġenti u l-ħtieġa għal aġġornamenti aktar frekwenti, b'mod partikolari meta jitqiesu l-bidliet fid-dinamika tal-mard xprunati mill-klima.

L-AHL tenfasizza l-prevenzjoni permezz ta' bijosigurtà msaħħa. Ir-regolament jistabbilixxi responsabbiltajiet ċari għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti, li jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà fil-livell tal-farms u tul il-katina tal-produzzjoni kollha. Filwaqt li dan tejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju, l-implimentazzjoni għadha waħda mhux uniformi bejn operazzjonijiet differenti (eż. dawk fuq skala kbira vs fuq skala żgħira). In-nuqqas ta' gwida u ta' taħriġ armonizzati kompla jikkomplika l-adozzjoni f'xi Stati Membri.

It-tisħiħ tar-rwoli tal-partijiet ikkonċernati u r-responsabbiltajiet kondiviżi huwa karatteristika ewlenija oħra. Ir-regolament jiċċara d-dmirijiet tal-bdiewa, tal-veterinarji, tal-awtoritajiet kompetenti, u ta' atturi oħra fil-katina tas-saħħa tal-annimali. Dan tejjeb il-koordinazzjoni u l-akkontabilità, b'mod partikolari fin-notifika u fis-sorveljanza tal-mard u fir-rispons għat-tifqigħat. Madankollu, l-istudju ta' evalwazzjoni jenfasizza[6] l-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni usa' dwar ir-responsabbiltajiet ta' kull attur u l-bini tal-kapaċitajiet, b'mod speċjali fost l-operaturi iżgħar u l-partijiet ikkonċernati li mhumiex awtoritajiet. Minkejja l-inizjattivi ta' taħriġ fil-livell tal-UE bħala parti mill-inizjattiva ta' Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel, it-tixrid fil-livell nazzjonali għadu limitat, u ħafna partijiet ikkonċernati jirrapportaw diffikultajiet biex jinnavigaw il-qafas legali u biex jifhmu l-obbligi tagħhom. F'dan ir-rigward, l-ippjanar ta' kontinġenza u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni wkoll jista' jkollhom rwol fl-involviment tal-operaturi u fiż-żieda tas-sensibilizzazzjoni.

Id-dewmien fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali wassal għal differenzi fl-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ġodda, bħal dawk dwar il-viżti tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq ir-riskju. Dawn il-viżti huma għodda importanti għall-prevenzjoni tal-mard u għall-iskoperta bikrija. Filwaqt li xi Stati Membri inkorporaw dawn il-viżti fil-programmi eżistenti, għadu diffiċli biex jiġi vvalutat il-punt sa fejn hija implimentata din id-dispożizzjoni minħabba nuqqas ta' data. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' infurzar u n-nuqqas ta' persunal veterinarju, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti, ikomplu jippreġudikaw l-implimentazzjoni sħiħa.

L-AHL issaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tikkontrolla u teqred il-mard permezz ta' programmi strutturati ta' eradikazzjoni u r-rikonoxximent ta' erjas ħielsa mill-mard[7], li huma essenzjali biex jinżamm kummerċ sikur u jitnaqqas il-piż tal-mard endemiku. Madankollu, l-implimentazzjoni nazzjonali mhux uniformi llimitat il-potenzjal sħiħ tagħhom. B'mod importanti, l-użu tar-reġjonalizzazzjoni evita tfixkil kbir tal-flussi kummerċjali matul it-tifqigħat. L-AHL ippermettiet lill-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet immirati pjuttost milli projbizzjonijiet ġenerali, li jippermettu l-moviment sikur tal-annimali u tal-prodotti minn żoni ħielsa mill-mard.

L-evalwazzjoni rrikonoxxiet u laqgħet il-bidla fundamentali tal-AHL li tipprevedi l-użu usa' u aktar flessibbli tat-tilqim kontra l-mard tal-annimali. L-AHL iċċarat il-kundizzjonijiet fejn it-tilqim jista' jintuża bħala miżura preventiva jew ta' emerġenza. Dan ippermetta l-użu aktar strateġiku tat-tilqim, bħal fil-każ tal-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja (iHPAI)[8], fejn kampanji ta' tilqim immirati għenu biex titnaqqas is-severità tat-tifqigħat u jillimitaw it-telf ekonomiku. Din il-politika l-ġdida kkontribwiet b'mod importanti biex tillimita l-effetti negattivi ta' bosta tipi ta' mard tal-annimali. L-aktar eżempji msemmija ta' spiss huma tal-HPAI, u l-eżempju reċenti ta' tilqim preventiv fi Franza mill-2024, kontra l-virus tal-ilsien blu (BTV) f'bosta Stati Membru, il-marda tal-infafet fil-ġilda (LSD) fl-Italja, fi Franza u fi Spanja fl-2025-2026 kif ukoll il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) fis-Slovakkja, fl-Ungerija (2025) u f'Ċipru (2026). Madankollu, xi wħud appellaw għal appoġġ usa' għat-tilqim, bħal banek tal-UE tal-antiġeni u tat-tilqim estiżi lil hinn mill-mard tal-Kategorija A biss u appellaw għal pjan ta' tilqim aktar strutturat u koordinat kontra l-mard tal-annimali fl-UE.

---

6 L-Istudju estern, p. 84.

7 L-Istudju estern, p. 111.

8 SWD, il-punt 2.3.3.

L-aġġornament ta' għodod diġitali bħas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES) għat-traċċabbiltà u għall-movimenti tal-annimali u ADIS għar-rapportar u għan-notifika huma meqjusa bħala titjib u ġew irrikonoxxuti bħala pass 'il quddiem fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri, għalkemm għad hemm kwistjonijiet tekniċi u ta' interoperabbiltà[9].

Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-AHL kellha l-għan li tarmonizza u tissimplifika r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali madwar l-UE, ġew osservati xi effetti mhux intenzjonati, b'mod partikolari għal operaturi fuq skala żgħira, bħall-indokraturi dilettanti. B'mod partikolari, f'ċerti każijiet, ir-rekwiżiti introdotti fil-livell nazzjonali, li xi drabi jmorru lil hinn minn dak stabbilit mill-AHL, irriżultaw f'piżijiet amministrattivi u finanzjarji akbar. Barra minn hekk, filwaqt li l-AHL ma tirregolax l-appoġġ finanzjarju, in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' kumpens adegwati ġie nnotat mill-partijiet ikkonċernati bħala ostaklu għall-implimentazzjoni effettiva.

L-effettività tal-AHL hija evidenti f'oqsma fejn l-implimentazzjoni mxiet 'il quddiem, b'mod partikolari fil-kategorizzazzjoni tal-mard, fis-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju, fil-bijosigurtà, u fl-isforzi ta' eradikazzjoni. Madankollu, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni għadha f'fażi ta' tranżizzjoni. L-appoġġ kontinwu għall-Istati Membri, is-simplifikazzjoni tal-istrumenti legali, u l-involviment usa' tal-partijiet ikkonċernati se jkunu essenzjali biex il-potenzjal tar-regolament jintlaħaq bis-sħiħ. Hekk kif is-sistemi nazzjonali jkomplu jallinjaw mal-AHL, se ssir possibbli valutazzjoni aktar komprensiva tal-impatt fit-tul tagħha.

## 3.2 EFFIĊJENZA

L-evalwazzjoni tal-effiċjenza tal-AHL teżamina jekk il-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri, mill-partijiet ikkonċernati, u mill-Kummissjoni kinux proporzjonati għall-benefiċċji miksuba mill-implimentazzjoni tagħha. Madankollu, limitazzjoni sinifikanti tal-evalwazzjoni hija li l-Istati Membri għadhom ma allinjawx bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mal-AHL, u lanqas ma sfruttaw bis-sħiħ il-flessibbiltà offruta mill-AHL. B'riżultat ta' dan, tibqa' ta' sfida biex l-impatt tal-AHL jinfired minn dak ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mhux allinjata bis-sħiħ. Barra minn hekk, jistgħu jkunu meħtieġa diversi snin qabel ma l-effetti tal-AHL jiġu riflessi f'bidliet attwali fl-istatus tas-saħħa tal-annimali, b'mod speċjali meta jitqies li fatturi esterni jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-pajsaġġ epidemjoloġiku.

B'mod ġenerali, il-bilanċ tal-kostijiet-benefiċċji tal-AHL huwa mistenni li jkun pożittiv fuq perjodu ta' żmien twil, għalkemm bi kwalifiki importanti. Fuq perjodu ta' żmien qasir għal medju, l-AHL involviet kostijiet u sforzi amministrattivi sostanzjali għal diversi partijiet ikkonċernati, u dawn il-kostijiet bil-quddiem f'xi każijiet kienu ogħla milli kien mistenni inizjalment. Dawn il-kostijiet u l-isforzi huma investimenti mistennija li jrendu benefiċċji futuri ċari fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, fl-armonizzazzjoni regolatorja, u fil-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Tali benefiċċji huma mistennija li jikbru maż-żmien. L-enfasi tal-AHL fuq il-prevenzjoni (eż. il-miżuri ta' bijosigurtà u s-sorveljanza) hija mistennija li tnaqqas it-tifqigħat tal-mard għaljin fis-snin li ġejjin, li jwassal għal iffrankar li jiġġustifika n-nefqiet attwali. Madankollu, it-titjib fl-effiċjenza għadhom ma ntlaħqux kompletament, peress li t-tranżizzjoni regolatorja għadha għaddejja. F'din il-fażi bikrija ta' implimentazzjoni, il-benefiċċji tal-AHL immaterjalizzaw b'mod inkonsistenti, filwaqt li ċerti kostijiet huma kkonċentrati fil-parti tal-bidu.

[9] L-Istudju estern, il-Punt 4,12., il-paġna 69.

Xi Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti ġarrbu kostijiet sostanzjali ta' darba u li għadhom għaddejjin biex jallinjaw is-sistemi nazzjonali mal-AHL. Dawn jinkludu l-isforzi biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi aġġornata jew ikkonsolidata, biex is-sistemi tal-IT (eż. għan-notifika u t-traċċabbiltà tal-mard) jiġu aġġornati, biex jiġi rreklutat jew jitħarreġ il-persunal, u biex ir-rekwiżiti ġodda jiġu kkomunikati lill-partijiet ikkonċernati. Ħafna awtoritajiet nazzjonali kellhom jallokaw mill-ġdid riżorsi sinifikanti biex jadattaw l-infrastruttura tagħhom tas-sorveljanza u tar-rapportar.

Dehru wkoll kostijiet ġodda tal-konformità għall-operaturi. Dawn jirriżultaw minn obbligi bħas-sorveljanza tal-mard u l-bijosigurtà mtejba, iż-żamma tar-rekords għall-movimenti tal-annimali, u, f'xi każijiet, rekwiżiti bħal viżti tas-saħħa tal-annimali u r-reġistrazzjonijiet ta' stabbilimenti ġodda. Madankollu, skont il-miżuri speċifiċi, dawn ma kinux kompletament ġodda għall-operaturi kollha. Pereżempju, xi bdiewa f'setturi u f'pajjiżi partikolari kienu diġà soġġetti għall-viżti tas-saħħa tal-annimali qabel l-implimentazzjoni tal-AHL, jew minħabba leġiżlazzjoni nazzjonali jew minħabba parteċipazzjoni fi skemi ta' ċertifikazzjoni privati. Konsegwentement, il-punt sa fejn l-AHL introduċiet kostijiet ġodda jvarja bejn l-operaturi, is-setturi, u l-Istati Membri.

Skont l-istudju, il-benefiċċji osservati jew antiċipati taħt l-AHL jinkludu kontroll tal-mard aktar effettiv u effiċjenti u ambjent regolatorju aktar koerenti. Bis-sostituzzjoni ta' 39 att legali b'regolament uniku, l-AHL tfasslet biex tissimplifika r-regoli u tnaqqas il-frammentazzjoni legali. Bħala prinċipju, din il-konsolidazzjoni tat aktar ċertezza legali u għandha ttejjeb iċ-ċarezza u tiffranka l-isforzi amministrattivi fuq medda twila ta' żmien. Tabilħaqq, ħafna partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-fatt li hemm qafas unifikat tejjeb il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati u ffaċilita rispons aktar rapidu u unifikat għat-theddid ta' mard transkonfinali. Hemm evidenza li l-miżuri tal-AHL (bħas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju u r-reġjonalizzazzjoni) għenu biex jikkontrollaw l-inkursjonijiet reċenti ta' mard tal-annimali (eż. l-influwenza avjarja, id-deni tal-ħnieżer Afrikan) b'mod aktar effiċjenti, u b'hekk inaqqsu l-iskala tal-qtil, il-projbizzjonijiet fuq il-kummerċ, u miżuri oħra ta' emerġenza li jiswew ħafna flus. Id-data dwar il-kummerċ u l-feedback tal-partijiet ikkonċernati jindikaw li s-suq intern baqa' reżiljenti. Il-kummerċ intra-Unjoni rkupra bil-qawwa wara l-2021 minkejja tifqigħat kontinwi ta' mard tal-annimali, u dan jissuġġerixxi li l-qafas tal-AHL appoġġa l-kontinwità tal-kummerċ[10]. Billi tarmonizza l-istandards u l-approċċi madwar l-UE, l-AHL tgħin biex tinżamm il-fiduċja fil-kummerċ intra-UE tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali u timpedixxi ostakli kummerċjali mhux iġġustifikati matul avvenimenti ta' mard (l-użu taż-żonar/tar-reġjonalizzazzjoni tal-mard aktar milli projbizzjonijiet fuq il-pajjiż kollu). Dawn il-benefiċċji, filwaqt li huma aktar diffiċli li jiġu kkwantifikati minnufih, jikkontribwixxu għal ambjent operatorju aktar stabbli u prevedibbli għan-negozji u għall-awtoritajiet. Meħuda flimkien, l-elementi ta' hawn fuq jissuġġerixxu li l-AHL qed tagħti valur li maż-żmien għandu jibbilanċja l-investimenti li saru.

Minkejja l-vantaġġi tagħha fit-tul, ċerti operaturi jsostnu li l-implimentazzjoni introduċiet piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fl-istadju inizjali. Huma qajmu tħassib dwar żieda fil-burokrazija, il-kumplessità ta' proċeduri ġodda, bħar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti, iż-żamma ta' rekords, il-viżti tas-saħħa tal-annimali, u d-duplikazzjoni ta' rekwiżiti bejn ir-rekwiżiti nazzjonali u dawk tal-UE. Ġew affettwati, b'mod speċjali, ċerti gruppi fil-mira. B'mod partikolari, il-bdiewa fuq skala żgħira u l-indokraturi tal-annimali bħala delizzju rrapportaw li l-konformità mar-rekwiżiti tal-AHL (bħall-ksib ta' ċertifikati tas-saħħa tal-

[10] SWD, il-Punt 4.1.1, il-paġna 44.

annimali għall-movimenti tal-annimali, jew l-issodisfar ta' regoli ġodda dwar iż-żamma tar-rekords u l-bijosigurtà) hija, fil-fehma tagħhom, oneruża u sproporzjonata għall-iskala tal-operarat tagħhom. Operaturi kummerċjali akbar jinnotaw ukoll xi żieda fil-kostijiet tal-konformità, iżda dawn għandhom it-tendenza li jiġu assorbiti b'mod aktar faċli f'negozji akbar.

L-effiċjenza u l-esperjenza tal-kostijiet-benefiċċji tal-AHL tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-gruppi ta' operaturi. L-Istati Membri li daħlu fl-era tal-AHL b'infrastruttura veterinarja żviluppata, sistemi avvanzati tal-IT, u amministrazzjonijiet b'riżorsi tajbin ġeneralment immaniġġjaw it-tranżizzjoni b'mod aktar faċli u saħansitra kkapitalizzaw fuqha. Pereżempju, il-pajjiżi li introduċew bażi tad-data kompjuterizzata nazzjonali għat-traċċabbiltà tal-annimali qabel l-AHL bnew fuq din is-sistema u rrapportaw titjib fis-sorveljanza u fil-kapaċità ta' skoperta bikrija. Dan l-eżempju jenfasizza li fejn sar investiment fl-infrastruttura u fil-bini tal-kapaċitajiet, l-effiċjenza operazzjonali tal-AHL tista' tinkiseb b'mod aktar effettiv. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri b'riżorsi aktar limitati jew b'sistemi inqas żviluppati affaċċjaw sfidi akbar u kostijiet relattivi ogħla. Disparitajiet bħal dawn jaffettwaw ukoll lill-partijiet ikkonċernati bħall-bdiewa; pereżempju, jekk pajjiż jittardja l-implimentazzjoni ta' gwida aġġornata, jista' jagħti l-każ li l-bdiewa u l-veterinarji f'dak il-pajjiż idumu aktar jitħabtu ma' proċeduri li joħolqu konfużjoni.

Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji fost il-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati tvarja wkoll skont kemm l-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà mogħtija mill-AHL[11] [12]. Fl-Istati Membri li ma ħaddnux bis-sħiħ approċċ ibbażat fuq ir-riskju, il-komunità tal-biedja ħasset piż akbar. Fi Stati Membri oħra li applikaw il-flessibbiltajiet tal-AHL biex ifasslu miżuri għar-riskju lokali (pereżempju, l-eżenzjoni ta' indokraturi żgħar ħafna minn ċerti dazji), il-piż tas-settur privat kien relattivament eħfef. Dawn l-għażliet ta' politika, flimkien ma' strutturi ekonomiċi differenti (farms kummerċjali kbar vs ħafna bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar), ifissru li l-effiċjenza tal-AHL tista' titqies b'mod differenti minn pajjiż jew minn settur għal ieħor.

### 3.3 KOERENZA

L-evalwazzjoni turi li l-AHL hija koerenti internament. L-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard tal-Unjoni jiddeterminaw il-livell ta' sorveljanza, il-kundizzjonijiet tal-movimenti u l-miżuri ta' kontroll, u joħolqu rabta strutturata bejn il-valutazzjoni tar-riskju u r-rispons operazzjonali. Madankollu, fil-prattika għad hemm differenzi fil-mod kif l-Istati Membri jfasslu s-sistemi ta' sorveljanza, jimmaniġġaw l-interfaċċi tal-organiżmi selvaġġi u japplikaw id-derogi matul it-tifqigħat. Peress li diversi Stati Membri għadhom qed ilestu l-allinjament nazzjonali, għadha ma ntlaħqitx konsistenza operazzjonali sħiħa.

Esternament, l-AHL topera flimkien ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni b'mod komplementari. Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jipprovdi l-qafas orizzontali għall-verifika u għall-infurzar fl-UE tul il-katina agroalimentari. L-AHL taġixxi upstream tal-Liġi Ġenerali dwar l-

[11] L-Istudju estern, l-Anness 3, p. L
[12] SWD, il-punt 4.1.2, p. 46.

Ikel[13] u tal-leġiżlazzjoni dwar iż-żoonożi[14] billi tindirizza r-riskji għas-saħħa tal-annimali qabel ma jaffettwaw is-sikurezza alimentari jew is-saħħa pubblika. Tallinja wkoll mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti mediċinali veterinarji[15] b'mod speċjali fejn it-tilqim jew it-trattament jifforma parti mill-istrateġiji għall-kontroll tal-mard. L-AHL tfittex li tipprovdi applikazzjoni koerenti tal-kunċett "Saħħa waħda", u tindirizza l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa tal-annimali u dik pubblika, l-organiżmi selvaġġi, l-ambjent, is-sikurezza alimentari u tal-għalf, il-benesseri tal-annimali u tqis fatturi esterni oħra, bħas-sigurtà alimentari, il-fatturi ekonomiċi u l-kwistjonijiet soċjali[16].

Il-konsistenza mal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza alimentari u l-benesseri tal-annimali hija vvalutata b'mod ġenerali bħala qawwija [17], għalkemm il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-allinjament prattiku mal-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali huma mħallta, b'mod partikolari fejn il-miżuri ta' kontroll tal-mard skont l-AHL jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-benesseri tal-annimali.

L-AHL tapplika għall-organiżmi selvaġġi biss meta tkun epidemjoloġikament rilevanti għall-prevenzjoni jew għall-kontroll tal-mard elenkat. Ċerti oqsma, b'mod partikolari l-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli u l-biċċa l-kbira tar-regoli dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali, ikomplu jiġu rregolati skont oqfsa legali speċifiċi barra mill-AHL.

### 3.4. RILEVANZA

L-AHL tibqa' rilevanti ħafna fid-dawl tal-pressjonijiet epidemjoloġiċi li qegħdin jevolvu, inkluża r-rikorrenza ta' ċertu mard, it-tixrid kontinwu ta' oħrajn bħad-Deni tal-Ħnieżer Afrikan (ASF), l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) u l-espansjoni ta' mard li jinġarr minn vettur. L-orjentazzjoni preventiva tagħha, l-użu tar-reġjonalizzazzjoni u għodod oħra bħat-tilqim jipprovdu għodod xierqa biex tiġi indirizzata d-dinamika dejjem aktar kumplessa tal-mard.

B'mod ġenerali, l-AHL titqies adattata għall-ħtiġijiet attwali u adattabbli biżżejjed għat-theddid emerġenti permezz ta' rekwiżiti minimi uniformi għall-mard ikkategorizzat bħala tal-kategoriji A u B u approċċi aktar flessibbli għall-mard ikkategorizzat bħala tal-kategoriji C, D u E. Madankollu, l-operaturi jindikaw diversi sfidi f'dan ir-rigward. Il-flessibbiltà pprovduta għall-mard ikkategorizzat bħala C, D u E tippermetti lill-Istati Membri jfasslu l-miżuri għaċ-ċirkostanzi nazzjonali iżda tista' twassal ukoll għal applikazzjoni eteroġena tal-miżuri (pereżempju, it-tilqim kontra l-marda tal-ilsien blu), li huma ta' benefiċċju għall-kontroll tal-marda fl-Istati Membri iżda jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ intra-UE u l-prevedibbiltà tas-suq. Barra minn hekk, l-obbligi tal-bijosigurtà u r-rekwiżiti tal-viżti tas-saħħa tal-annimali, filwaqt li fil-prinċipju ġew iddefiniti b'mod ċar, iżda ġew identifikati mill-partijiet ikkonċernati

---

13 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/2026-01-01.

14 Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE, http://data.europa.eu/eli/dir/2003/99/oj.

15 Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE, http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj.

16 L-Istudju estern, p. 78.

17 SWD, p. 59.

bħala oqsma fejn gwida operazzjonali aktar dettaljata u armonizzata tkun tappoġġa implimentazzjoni aktar konsistenti.

### 3.5 VALUR MIŻJUD TAL-UE

L-evalwazzjoni tikkonferma valur miżjud ċar tal-UE. Billi jistabbilixxi regoli armonizzati għas-saħħa tal-annimali u b'mod partikolari għas-sorveljanza, għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard, il-qafas jappoġġa azzjoni koordinata madwar l-Istati Membri u jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-suq intern. Għodod fil-livell tal-Unjoni, bħall-elenkar u l-kategorizzazzjoni tal-mard, il-banek tal-antiġeni u tat-tilqim, is-sistema ta' notifika u ta' rapportar tal-mard tal-UE, in-network tal-laboratorji għas-saħħa tal-annimali tal-UE, ir-reġjonalizzazzjoni u r-regoli komuni għall-movimenti u d-dħul fl-Unjoni, huma l-bażi għal koordinazzjoni transfruntiera prevedibbli u jiffaċilitaw il-kummerċ sikur. Barra minn hekk, il-qafas tal-AHL jiżgura li r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni jkunu stretti daqs dawk li japplikaw fl-UE, u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwi ugwali għall-operaturi tal-UE. Dawn ir-rekwiżiti tad-dħul f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-permess tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) jippermettu l-kummerċ internazzjonali f'konformità mal-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ/Ftehim dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (WTO/SPS). Dawn l-eżiti ma setgħux jinkisbu bl-istess mod mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom[18][19].

Il-bilanċ bejn l-azzjoni tal-UE u dik nazzjonali huwa ġeneralment proporzjonat. Madankollu, l-eżiti juru xi limitazzjonijiet li jaffettwaw il-punt sa fejn il-valur miżjud tal-UE jitwettaq bis-sħiħ fil-prattika. Id-differenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali u fl-użu ta' dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà jistgħu jaffettwaw il-prevedibbiltà tal-movimenti tal-annimali u joħolqu kundizzjonijiet mhux uniformi għal ċerti operaturi. Dwar dan, il-konsultazzjoni indikat li aktar koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' ttejjeb il-konsistenza u l-prevedibbiltà tas-suq filwaqt li żżomm il-flessibbiltà neċessarja.

## 4. TAGĦLIMIET MEĦUDA U L-PASSI LI JMISS

Kif indikat, għalkemm l-AHL ilha applikabbli bis-sħiħ biss mill-2021, l-evalwazzjoni tikkonferma valutazzjoni pożittiva ġenerali u apprezzament mifrux fost il-partijiet ikkonċernati. L-AHL hija meqjusa b'mod mifrux bħala titjib sinifikanti fuq il-qafas frammentat preċedenti, billi tipprovdi arkitettura legali modernizzata u bbażata fuq ir-riskju u titqies li tipprovdi pedament b'saħħtu u koerenti għal politika armonizzata, preventiva u bbażata fuq ir-riskju dwar is-saħħa tal-annimali fl-UE. Hija tappoġġa bidla fil-fokus mill-eradikazzjoni għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għall-ġestjoni proporzjonata fit-tul tal-mard, u b'hekk issaħħaħ il-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà tal-politika tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali.

Minkejja l-feedback ġenerali pożittiv u l-apprezzament, il-kumplessità tal-leġiżlazzjoni terzjarja, l-implimentazzjoni mhux uniformi u d-dewmien fl-allinjament nazzjonali llimitaw ir-realizzazzjoni sħiħa tal-potenzjal tal-qafas. Il-Kummissjoni identifikat ċerti oqsma fejn hija meħtieġa aktar attenzjoni. Dawn l-oqsma, identifikati fil-kriterji ta' evalwazzjoni u li jeħtieġu aktar attenzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri kkristallizzaw fil-punti ppreżentati hawn taħt.

---

18 L-Istudju estern, p. 139.

19 SWD, p. 69.

### 4.1 Tisħiħ tal-politika unika u l-qafas legali

L-evalwazzjoni tirrikonoxxi l-AHL bħala struttura legali aktar ċara u modernizzata li tiżgura applikazzjoni aktar konsistenti tar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali madwar l-UE. L-AHL hija meqjusa b'mod wiesa' bħala titjib strutturali meta mqabbla mal-qafas preċedenti. Tkompli tnaqqas id-dipendenza fuq miżuri ta' eradikazzjoni ta' emerġenza waħedhom u tappoġġa ġestjoni aktar sostenibbli, prevedibbli u flessibbli tal-mard fit-tul.

Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tindika l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni terzjarja, ir-regoli implimentati b'mod mhux uniformi jew li għadhom ma ġewx infurzati fl-Istati Membri. Dawn jirrapportaw ukoll li l-allinjament mal-leġiżlazzjoni nazzjonali kien aktar kumpless milli antiċipat. L-istudju identifika wkoll ċertu livell ta' frustrazzjoni fir-rigward taż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tal-Atti Delegati, li huwa itwal milli inizjalment assumew ċerti partijiet ikkonċernati.

Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni għandha tkompli tallinja u tissimplifika l-leġiżlazzjoni terzjarja biex tagħmilha eħfef biex tinnavigaha u tkun aktar faċli għall-utent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha żżid il-faċilità tal-użu għall-utent u l-aġġornamenti tas-sit web tal-Kummissjoni bi spjegazzjonijiet dwar l-integrazzjoni u l-operat ta' biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni u l-interkonnessjonijiet tagħhom. Jekk ikun neċessarju, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa Gwida dwar diversi elementi tal-leġiżlazzjoni, adottata fil-format ta' "Avviż tal-Kummissjoni" meta jkun rilevanti. It-taħriġ tat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) irid jitkompla u jsaħħaħ it-trasferiment tal-għarfien fost l-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jaċċelleraw u jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa tal-AHL billi jneħħu l-leġiżlazzjoni nazzjonali skaduta. Fejn meħtieġ, għandhom jiżviluppaw gwida nazzjonali jew settorjali kif rilevanti għas-suġġett biex tikkomplementa l-Gwida tal-Kummissjoni, b'mod speċjali biex jindirizzaw ċirkostanzi u sitwazzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jqassmu downstream l-għarfien miksub permezz tat-taħriġ tal-BTSF b'mod aktar effettiv u effiċjenti fis-servizzi u l-operaturi uffiċjali.

### 4.2 Kjarifika tar-responsabbiltajiet ta' atturi differenti u tisħiħ tal-konformità

L-evalwazzjoni wriet allokazzjoni aktar ċara tal-obbligi u tnaqqis fl-inċertezza dwar min huwa responsabbli għall-miżuri ta' prevenzjoni, ta' notifika, ta' kontroll u ta' rkupru. Turi li l-AHL introduċiet prinċipju ta' responsabbiltà kondiviża, żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-veterinarji u l-awtoritajiet kompetenti, li ffaċilita aktar kooperazzjoni organizzata matul it-tifqigħat tal-mard. Dan ikkontribwixxa wkoll għal titjib fil-konformità.

Madankollu, ir-responsabbiltajiet xorta jistgħu ma jkunux ċari fil-livell operazzjonali lokali, b'mod partikolari waqt sitwazzjonijiet ta' tifqigħat. L-evalwazzjoni wriet nuqqasijiet fl-ippjanar operazzjonali lokali, li jirriżultaw minn nuqqas ta' taħriġ u ta' koordinazzjoni, aktar milli minn nuqqasijiet fil-qafas tal-AHL. L-applikazzjoni prattika tal-qafas hija kkumplikata ulterjorment minn atti delegati u ta' implimentazzjoni b'livelli differenti. Barra minn hekk, hemm obbligu legali għall-Istati Membri li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-penali

applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-AHL. Ftit Stati Membri rrapportaw dwar l-atti tagħhom li jipprevedu penali[20].

Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, minbarra l-elementi msemmija fil-punt 4.4, il-Kummissjoni għandha l-għan li tadotta Regolament ta' implimentazzjoni dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Tista' tiġi prevista pubblikazzjoni regolari ta' informazzjoni komparabbli dwar il-penali nazzjonali u l-prattiki ta' infurzar sabiex tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta' sanzjonar u jiġu promossi l-akkontabbiltà u l-fiduċja reċiproka. Fid-dawl ta' din ir-riflessjoni, il-Kummissjoni tista' tibda diskussjoni fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa tal-Annimali (AHAC) u tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF) dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment ta' rekwiżiti dwar il-livell minimu ta' sanzjonijiet jew gwida oħra lill-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet.

L-Istati Membri jridu jsaħħu l-isforzi tagħhom fit-traspożizzjoni tar-regoli u jiżviluppaw is-sanzjonijiet neċessarji biex jiżguraw implimentazzjoni xierqa tal-AHL fuq livell nazzjonali u jagħtu l-għodod neċessarji lill-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni.

### 4.3. Żgurar tal-adattabilità tal-kategorizzazzjoni/tal-prijoritizzazzjoni tal-mard

L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-prijoritizzazzjoni u l-kategorizzazzjoni tal-mard huma miżura ewlenija siewja li tappoġġa miżuri tal-UE proporzjonati u bbażati fuq ix-xjenza. Madankollu, għad hemm tħassib dwar l-adattabilità u l-puntwalità tal-aġġornamenti u l-adattabilità għar-riskji emerġenti u għal mard li joħloq sfidi speċifiċi bħall-mard li jinġarr minn vetturi.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tirrieżamina u tivverifika jekk is-sistema ta' kategorizzazzjoni attwali għadhiex adattata għaċ-ċirkostanzi attwali**.** Se tirrieżamina wkoll jekk il-kriterji ta' kategorizzazzjoni jindirizzawx b'mod adegwat sfidi speċifiċi (eż. mard li jinġarr minn vetturi, fejn tkun diġà tnediet talba għal opinjoni tal-EFSA) u tista' tipproponi bidliet fil-leġiżlazzjoni, jekk ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni se tkompli tinkariga lill-EFSA u se tqis li tniedi valutazzjoni aktar komprensiva u fejn rilevanti, valutazzjoni mill-ġdid tal-mard tal-annimali għall-elenkar tagħhom għall-intervent tal-Unjoni u l-kategorizzazzjoni tagħhom skont l-AHL.

### 4.4. Titjib tar-rispons għall-mard tal-annimali u tal-pjanijiet ta' kontinġenza

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-adozzjoni tal-AHL wasslet għal risponsi koordinati aħjar għall-mard tal-annimali. Barra minn hekk, ir-regoli għall-pjanijiet ta' kontinġenza se jkomplu jikkontribwixxu għal titjib fir-rispons għat-tifqigħat tal-mard.

Madankollu, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll tal-mard madwar l-Istati Membri għadha ma hijiex uniformi. Dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza, il-partijiet ikkonċernati jinnotaw in-nuqqas ta' regoli ta' implimentazzjoni u l-Istudju[21] kkonkluda li f'diversi Stati Membri l-pjanijiet ta' kontinġenza huma skaduti.

---

20 SWD, p.27.

21 L-Istudju estern, p. 66.

Sabiex issaħħaħ il-miżuri ta' kontroll tal-mard fl-UE, il-Kummissjoni se tkompli tirrevedi u temenda r-regolamenti delegati[22] biex taġġustahom għall-iżviluppi xjentifiċi l-aktar reċenti u għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza, il-Kummissjoni se tadotta regolament ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' taħriġ kontinwu tal-BTSF, li jiffoka fuq appoġġ kontinwu pprovdut għas-saħħa tal-annimali. Il-Kummissjoni se tniedi serje speċifika ta' awditi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri biex timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-eżerċizzji ta' simulazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza.

### 4.5. Tisħiħ tar-reġjonalizzazzjoni u tal-kompartimentalizzazzjoni

L-evalwazzjoni indikat li l-miżuri ta' kontroll tal-mard introdotti mill-AHL li għenu biex jimminimizzaw l-impatt tat-tifqigħat tal-mard, jappoġġaw ir-rikonoxximent ta' erjas ħielsa mill-mard fl-UE u jippermettu li jitkomplew il-kummerċ u l-esportazzjonijiet intra-UE. Dan inkiseb bl-użu tar-reġjonalizzazzjoni tal-UE, u sa ċertu punt, ukoll għal kunċetti introdotti ġodda ta' kompartimentalizzazzjoni, li jippermettu l-kummerċ kontinwu fl-UE u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi mhux tal-UE.

Madankollu, rikonoxximent mhux uniformi minn pajjiżi terzi tar-reġjonalizzazzjoni u tal-għodod relatati naqqas il-benefiċċji mistennija għall-kontinwità tal-kummerċ internazzjonali. Diversi partijiet ikkonċernati jappellaw għal aktar gwida prattika, għarfien u bini tal-kapaċitajiet.

Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri billi tiżviluppa Gwida dwar l-applikazzjoni tar-reġjonalizzazzjoni u tal-kompartimentalizzazzjoni, biex ittejjeb il-fehim. Sit web tal-Kummissjoni faċli għall-utent se jipprovdi spjegazzjonijiet ta' biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni u viżwalizzazzjoni tar-reġjonalizzazzjoni permezz ta' għodod innovattivi tal-IT għall-immappjar.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jkomplu wkoll jippromwovu r-rikonoxximent tar-reġjonalizzazzjoni tal-UE mas-sħab kummerċjali f'laqgħat bilaterali u multilaterali, fi ħdan ftehimiet kummerċjali, negozjati dwar l-SPS u l-korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards.

### 4.6. Indirizzar ta' implimentazzjoni mhux uniformi fl-Istati Membri, miżuri bbażati fuq ir-riskju u flessibbiltà

L-implimentazzjoni dgħajfa u mhux uniformi tal-AHL fl-Istati Membri hija fost is-sejbiet tal-evalwazzjoni li jissemmew l-aktar ta' spiss u hija perċepita bħala punt dgħajjef. Fl-istess ħin, il-miżuri fl-AHL huma bbażati fuq ir-riskju. F'dak ir-rigward, il-qafas legali joffri opportunitajiet biex tiġi pprovduta flessibbiltà permezz ta' regoli aktar dettaljati, jiġifieri atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-AHL. L-AHL jagħti wkoll lill-Istati Membri l-possibbiltà li jimplimentaw regoli aktar stretti f'ċerti oqsma. Għalkemm xi Stati Membri għandhom prattiki tajbin biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-qafas regolatorju l-ġdid, u l-valur miżjud tat-taħriġ tal-BTSF huwa ċar, l-implimentazzjoni f'ħafna Stati Membri għadha biss parzjali.

[22] http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj.

Fir-rigward tal-flessibbiltà, filwaqt li l-evalwazzjoni tenfasizza l-valur miżjud tal-AHL, b'mod speċjali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll tal-mard, hija tisħaq ukoll li dan iwassal għal infurzar mhux uniformi u għal użu differenti tad-derogi fl-Istati Membri. Dan ġie perċepit bħala fattur li jaffettwa s-suq uniku u li joħloq kundizzjonijiet mhux ugwali għal ċerti setturi fi Stati Membri differenti u kien hemm sejħa għal implimentazzjoni aktar konsistenti madwar l-UE.

Biex tindirizza dan, il-Kummissjoni tista' ssaħħaħ l-awditi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri biex timmonitorja mill-qrib u tistimula livell ta' implimentazzjoni aħjar u aktar uniformi. Jekk jitqies li jkun neċessarju, il-Kummissjoni tista' tillimita/tfassal l-użu tad-derogi tal-Istati Membri permezz tal-modifika ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni u tiżgura regoli armonizzati aktar preskrittivi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jżidu t-trasparenza billi jżommu s-siti web nazzjonali u tal-Kummissjoni aġġornati u trasparenti, billi jipprovdu informazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (il-Kumitat PAFF) u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kumitat PAFF. Barra minn hekk, it-taħriġ kontinwu tal-BTSF, se jkompli jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istati Membri billi jżid l-għarfien, jipprovdi informazzjoni u jwettaq eżerċizzji prattiċi.

### 4.7. Enfasi fuq il-miżuri ta' prevenzjoni, ta' bijosigurtà u ta' sorveljanza bbażati fuq ir-riskju

L-evalwazzjoni nnotat progress importanti fil-kisba ta' status ta' ħelsien mill-mard għal diversi mard tal-annimali elenkat, li l-eradikazzjoni tiegħu hija obbligatorja fl-Unjoni, bħat-tuberkuloži, il-bruċelloži jew ir-rabja, bl-introduzzjoni ta' bidla minn mudell iċċentrat fuq l-eradikazzjoni għall-prevenzjoni u l-kontroll[23]. L-evalwazzjoni turi li s-sorveljanza hija msaħħa skont dan il-qafas li japplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Min-naħa l-oħra, hija osservat applikazzjoni mħallta tas-sorveljanza bażika tal-operatur permezz ta' viżti tas-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 25 tal-AHL, infurzar mhux uniformi tal-bijosigurtà, u indikat kwistjonijiet ta' riżorsi, b'mod speċjali nuqqas ta' veterinarji. It-tisħiħ tan-networks ta' sorveljanza fil-livell nazzjonali u l-iżgurar tal-allinjament mal-indikaturi fil-livell tal-UE biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri,[24] jistgħu jgħinu fl-implimentazzjoni ta' approċċ flessibbli, ibbażat fuq ir-riskju li jadatta għall-kuntest lokali li huwa ġustifikabbli biss jekk ikun sostnut minn sistemi ta' sorveljanza robusti.

Sabiex tindirizza talba ripetuta fl-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa regoli bi kriterji u bi frekwenza bażi għall-viżti tas-saħħa tal-annimali u tiżviluppa gwida dwar il-bijosigurtà, fejn l-Istati Membri fir-riflessjoni tagħhom ippreferew b'mod espliċitu l-gwida għal-leġiżlazzjoni.

### 4.8. Ottimizzazzjoni tal-użu tat-tilqim madwar l-UE

Kif indikat fil-punt 3.1, l-evalwazzjoni rrikonoxxiet u kienet sodisfatta bil-bidla fundamentali tal-AHL li tipprevedi l-użu usa' u aktar flessibbli tat-tilqim kontra l-mard tal-annimali u turi xi eżempji tajbin. Aktar reċentement, volum bla preċedent ta' annimali li jkollhom jinqatlu minħabba t-tixrid tal-mard jiġġustifika s-sejħiet għall-użu usa' tat-tilqim ukoll bħala għodda ta' prevenzjoni fejn possibbli.

---

[23] Il-punt 3.4. tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, p. 26.

[24] Il-punt 5.6. tal-Istudju estern.

B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni se tivverifika jekk ir-regoli u l-prinċipji tat-tilqim attwali inklużi fihom humiex adegwati għall-użu u jekk l-approċċ għall-mard differenti tal-Kategorija A jindirizzax il-ħtiġijiet, b'kunsiderazzjoni tal-impatti potenzjali ta' tali bidliet fuq l-ekonomija, fuq is-soċjetà u fuq il-kummerċ. Din il-ħidma għandha titwettaq f'kuntest multilaterali internazzjonali usa', filwaqt li mhux biss jitqiesu r-regoli tal-UE iżda wkoll l-istandards internazzjonali u r-rekwiżiti tal-kummerċ. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mad-WOAH, mas-sħab kummerċjali u ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali oħra biex tippromwovi approċċi bbażati fuq ix-xjenza għat-tilqim, tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' standards internazzjonali u tnaqqas l-ostakli mhux ġustifikati relatati mal-kummerċ assoċjati mal-użu tat-tilqim. Il-Kummissjoni se tiddiskuti wkoll b'mod regolari mal-Istati Membri u mal-industrija dwar kif tiżgura disponibbiltà aħjar tat-tilqim għal tali mard tal-annimali. Il-Kummissjoni se titlob ukoll parir xjentifiku li jappoġġa l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kif it-tilqim jista' jintuża bl-aħjar mod f'xenarji differenti u għal skopijiet differenti, jiġifieri biex jappoġġa l-miżuri ta' kontroll tal-mard b'tilqim ta' emerġenza jew biex tużah bħala għodda għall-prevenzjoni tal-mard.

### 4.9. Tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, tal-kostijiet, tar-rapportar u tal-kumplessità ta' ċerti miżuri

L-istudju ta' evalwazzjoni qies il-miżuri introdotti bbażati fuq ir-riskju bħala aktar kosteffettivi. Xi benefiċċji speċifiċi diġà huma viżibbli, pereżempju t-titjib fl-iskoperta bikrija tal-influwenza avjarja f'ċerti reġjuni[25]. Madankollu, dawn il-benefiċċji għadhom ma humiex mifruxa. It-taħriġ u l-implimentazzjoni ta' obbligi ġodda, bħall-viżti tas-saħħa tal-annimali, iġġeneraw żieda fil-kostijiet ukoll.

Barra minn hekk, f'xi każijiet, bħal pereżempju għall-ASF, regoli speċifiċi li jintroduċu elementi addizzjonali ta' żonar u restrizzjonijiet fuq il-moviment minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-qafas tal-AHL, ġew perċepiti bħala aktar kumplessi, u li jerġgħu jintroduċu approċċ ta' marda b'marda, li jżidu r-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni u joħolqu konfużjoni għall-operaturi u għas-sħab kummerċjali. L-Istati Membri u l-operaturi rrapportaw ukoll żieda fl-ammonti ta' xogħol relatati mal-iskoperta bikrija u mas-sorveljanza tal-mard tal-annimali.

Min-naħa l-oħra, seħħet xi simplifikazzjoni fil-prattika. Il-Kummissjoni ħarġet kjarifiki biex tiddistingwi l-movimenti b'riskju baxx (eż. ċerti annimali domestiċi u għasafar miżmuma fil-magħluq), u xi Stati Membri introduċew miżuri nazzjonali bħar-rinunzja tat-tariffi għaċ-ċertifikati tad-dilettanti. Intwera bil-provi li s-simplifikazzjoni hija possibbli fi ħdan il-qafas legali eżistenti. Madankollu, l-istudju ta' evalwazzjoni indika wkoll obbligi nazzjonali diverġenti u regoli supplimentari tal-UE, li ħafna jipperċepuhom bħala problematiċi.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-użu ta' possibbiltajiet ta' simplifikazzjoni billi temenda l-atti delegati u ta' implimentazzjoni eżistenti, filwaqt li tieħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza u fuq ir-riskju. Il-Kummissjoni tista' wkoll tqis li **tillimita jew li tfassal aħjar l-użu tad-derogi tal-Istati Membri** permezz tal-modifika ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni u tiżgura regoli aktar armonizzati.

### 4.10. Indirizzar tat-tħassib dwar il-finanzjament

[25] SWD, il-Punt 4.1.1., il-paġni 39-41.

L-istudju ta' evalwazzjoni jenfasizza diversi każijiet tan-nuqqas ta' mekkaniżmi finanzjarji adegwati, b'mod partikolari biex jikkumpensaw lill-bdiewa għat-telf tagħhom minħabba tifqigħat ta' mard u kostijiet relatati. Għalkemm l-istudju qies li dan kien effett mhux intenzjonat, huwa nnota li l-kjarifika tar-responsabbiltajiet ittrasferiet l-obbligi finanzjarji għall-bdiewa.

L-esperjenza fir-rigward tal-kofinanzjament tal-UE wriet li l-imprevedibbiltà ta' tifqigħat fuq skala kbira ta' ċertu mard tal-annimali, li jwasslu għal kriżijiet kbar, jindikaw il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għal fond ta' riżerva għall-kriżijiet adattat għall-finanzjament tal-miżuri ta' emerġenza għall-mard tal-annimali.

Il-Kummissjoni nnotat dan it-tħassib li se jiġi indirizzat ukoll permezz tal-Istrateġija għall-Bhejjem u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid.

### 4.11 Tisħiħ tal-koerenza esterna u rabtiet ma' leġiżlazzjoni oħra:

L-evalwazzjoni tikkonferma li l-AHL hija allinjata b'mod wiesa' ma' oqfsa ta' politika oħra tal-UE, inkluż l-approċċ "Saħħa Waħda". L-objettivi tagħha jsaħħu dawk tas-suq uniku, tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza alimentari, u tal-protezzjoni tal-ambjent. Madankollu, għad hemm xi inkonsistenzi.

#### 4.11.1. Approċċ "Saħħa Waħda"

Huwa osservat allinjament sinifikattiv tal-AHL mal-approċċ "Saħħa Waħda". L-AHL tirrifletti impenn leġiżlattiv ċar u tibqa' rilevanti għall-objettivi ġenerali tagħha. Madankollu, il-firxa tal-allinjament prattiku u tal-effettività operazzjonali tagħha hija perċepita b'mod differenti minn diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati u hija kkaratterizzata kemm minn punti b'saħħithom notevoli kif ukoll minn sfidi persistenti fl-implimentazzjoni u fl-integrazzjoni[26]. L-applikazzjoni effettiva tagħha għadha tiffaċċja lakuni, b'mod speċjali fl-integrazzjoni tas-saħħa ambjentali u l-kollaborazzjoni transsettorjali u koordinazzjoni aktar b'saħħitha fis-sistemi tas-saħħa tal-annimali, tal-bniedem u tal-ambjent, b'mod partikolari għar-riskji żoonotiċi u dawk relatati mal-organiżmi selvaġġi.

Il-Kummissjoni se tappoġġa aktar l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-koerenza u jsaħħu l-integrazzjoni multidixxiplinari fil-pajjiżi b'enfasi fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Fir-regolament ta' implimentazzjoni l-ġdid dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza (ara wkoll aktar 'il fuq), li huwa ppjanat għall-adozzjoni fl-2026, il-Kummissjoni se tirrikjedi li l-Istati Membri jiċċaraw il-proċeduri għall-kooperazzjoni tal-awtoritajiet veterinarji mal-kontropartijiet tagħhom tas-saħħa pubblika, u meta jkun rilevanti mal-awtoritajiet ambjentali u ma' awtoritajiet oħra.

#### 4.11.2. AHL u r-rabta mar-regoli dwar l-enċefalopatija spongiformi trażmissibbli (TSE) u dwar iż-żoonożi

Minkejja l-fatt li l-AHL introduċiet approċċ strutturat sew u bbażat fuq ir-riskju għall-kontroll tal-mard tal-annimali, il-koerenza tagħha mal-leġiżlazzjoni preeżistenti, ir-Regolament dwar l-

[26] L-Istudju estern, il-punt 4.3.7, p. 143.

Enċefalopatija Sponġiformi Trażmissibbli (TSE)[27] - għadha parzjali. Il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mill-awtoritajiet kompetenti, enfasizza li ż-żamma ta' oqfsa legali separati għat-TSEs u mard żoonotiku ieħor irriżultat fi frammentazzjoni regolatorja u f'diffikultajiet għall-implimentazzjoni. Il-fatt li t-TSEs ma humiex inklużi fil-proċess ta' kategorizzazzjoni tal-mard tal-AHL jirriżulta f'konfużjoni fost l-operaturi u l-awtoritajiet, jikkomplika l-prijoritizzazzjoni tal-mard, jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' kofinanzjament u jdgħajjef il-komunikazzjoni tar-riskji għas-saħħa[28]. Skont l-istudju, l-indirizzar ta' dawn l-inkonsistenzi jappoġġa kemm il-koerenza leġiżlattiva kif ukoll l-allokazzjoni aktar effiċjenti tal-finanzjament tal-UE relatat mal-mard.

Il-Kummissjoni diġà qed tindirizza ċerti aspetti tar-regoli dwar it-TSE fl-omnibus tas-simplifikazzjoni tas-Sikurezza Alimentari u tal-Għalf li għaddej bħalissa[29] adottat f'Diċembru 2025. Barra minn hekk, se tniedi reviżjoni komprensiva tar-regoli tat-TSE u se tqis li tpoġġihom fl-ambitu tal-AHL.

Il-Kummissjoni sejra wkoll **tirrieżamina, tissimplifika u taġġorna d-Direttiva eżistenti dwar iż-żoonażi** u tirrifletti kif tinkorpora aġenti żoonotiċi oħra skont il-qafas tal-AHL.

### 4.11.3. Kjarifika tal-interfaċċi mal-benesseri tal-annimali

Għalkemm l-istudju ta' evalwazzjoni ma identifika l-ebda kontradizzjoni/frizzjoni legali diretta mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali, teżisti perċezzjoni ta' nuqqas ta' allinjament, b'mod speċjali fl-oqsma tat-trasport tal-annimali u tal-prattiki tal-qtil waqt it-tifqigħat, b'mod partikolari f'xi sistemi tal-biedja. Normalment, tali tħassib ikun aktar relatat mal-implimentazzjoni speċifika u f'ħafna każijiet lokali ta' ċerti miżuri temporanji ta' kontroll tal-mard u prattiki agrikoli usa' aktar milli mad-dispożizzjonijiet legali.

Il-Kummissjoni tista' tindirizzahom ulterjorment permezz ta' parir xjentifiku pprovdut mill-EFSA u fl-Istrateġija għall-Bhejjem**.** Il-Kummissjoni tista' wkoll tqis l-organizzazzjoni ta' BTSF iddedikat għal kwistjonijiet speċifiċi fl-interfaċċa bejn is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali f'xenarji differenti ta' tifqigħat, b'mod partikolari waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jaffettwaw it-trasport, il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni jew il-qtil tal-annimali matul it-tifqigħat tal-mard.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Bħala konklużjoni, l-evalwazzjoni turi li l-AHL tippreżenta pedament b'saħħtu għal politika armonizzata dwar is-saħħa tal-annimali fl-UE. It-tranżizzjoni tagħha lejn il-prevenzjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, u l-integrazzjoni ma' għanijiet usa' tal-UE timmarka titjib sostanzjali fuq is-sistema preċedenti. Madankollu, l-implimentazzjoni mhux uniformi, il-kumplessità perċepita fl-istrumenti legali, u l-fehim limitat tal-partijiet ikkonċernati jkomplu joħolqu l-isfidi.

Il-Kummissjoni identifikat oqsma u azzjonijiet li jistgħu jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, pereżempju permezz tas-simplifikazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet, il-kooperazzjoni msaħħa bejn

---

27 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered.http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj.

28 L-Istudju estern, il-punt 4.4.2, p. 151.

29 Simplification of legislation - Food Safety - Il-Kummissjoni Ewropea .

l-operaturi, u l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea bl-għan li jiġi introdott approċċ aktar preventiv. Dawn ikunu ta' għajnuna biex l-AHL tilħaq il-potenzjal tagħha fis-salvagwardja tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika, fil-promozzjoni tar-reżiljenza, u fl-appoġġ għall-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-UE. F'dan l-istadju, il-prijorità ma hijiex riforma fundamentali, iżda konsolidazzjoni, kjarifika u implimentazzjoni konsistenti madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u l-ġbir tal-evidenza kontinwi se jipprovdu informazzjoni għal kwalunkwe aġġustament leġiżlattiv futur.